# familja

Ħarġa Numru 16 • ħarifa 2021

MINISTERU GĦAS-SOLIDARJETÀ U L-ĠUSTIZZJA SOĊJALI, IL-FAMILJA U D-DRITTIJIET TAT-TFAL



familja.media@gov.mt



## Rivista 'Familja'

hi inizjattiva tal-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni fi ħdan il-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal.

'Familja' toħroġ online kif ukoll stampata, maħsuba u indirizzata għall-pubbliku bħala l-vuċi uffiċjali ta' dan il-Ministeru.
Din ir-rivista titqassam mingħajr ħlas.

Jekk jogħġbok tikkontribwixxi b'xi kitba, twassal proposti jew xi suġġerimenti, inkella għaddejt minn xi esperjenza li tixtieq taqsam magħna, nistiednuk tiktbilna fuq l-imejl: familja.media@gov.mt

Biex tirċievi r-rivista 'Familja' tista' tiktbilna fl-indirizz elettroniku jew bil-posta:
Tonio Bonello, MSFC
Uffiċċju tal-Komunikazzjoni,
Direttorat tal-Operat,
Nru 38 Triq l-Ordinanza,
Il-Belt Valletta.

Il-kontenut f'kull ħarġa ta' 'Familja' mhux neċessarjament jirrifletti l-opinjoni Editorjali.

**Tonio Bonello**
Editur

'Familja' qed tasal għandkom grazzi għall-kontributuri professjonali, volontarji u kollegi oħra li jaħdmu magħna. Dan bl-għan li l-impenn fl-istruttura korporattiva ta' din l-entità jkompli jissaħħaħ fl-interess tas-soċjetà

Tista' taċċessa edizzjonijiet passati fuq:
**https://family.gov.mt/en/policies-publications-and-strategies/familja-magazine/**

# Kontenut


04 Editorjal

05 Messaġġ tal-Onorevoli Dr. Michael Falzon Ministru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal

06 Messaġġ tas-Sur Mark Musù Segretarju Permanenti fil-Ministeru

08 What are the EU Social Security Coordination rules and how do these apply to me?

09 FSWS Governing Board (part 2)

10 Ħsieb ta' tmiem is-Sajf

11 Jiem internazzjonali mfakkra bl-għan li l-umanità jkollha ħajja aħjar

12 Il-vetrina tal-MSFC biex nilħqu kull faxx tal-pubbliku Dejjem lesti biex ngħinuk

14 MSFC > X'HEMM ĠDID?

16 mySocialSecurity Servizzi Onlajn

17 Rokna Tfal

18 Memorandum ta' ftehim ġdid għall-programm FEAD

19 ĠEMMA u s-serje, 'Il-Kotba ż-Żgħar is-Suwed dwar Scams u Frodi: Kif taħdem Scam

20 Id-Djar tal-Pupi

22 Il-500 mitt Ħarġa tal-Fuljett IT-TRIQ

23 X'hemm ġdid, fil-kapitali? Kostruzzjoni għaddejja fuq il-Mużew tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann

24 Is-Sigriet li wieħed ikun kuntent f'ħajtu

25 Fun Page

26 The impact of COVID-19 on Children's Rights

27 Peter's Kitchen

28 Il-Viżjoni soċjali għal Malta 2035

30 Argentina The Land of Silver


# Ħajr ukoll lil

Is-Sur Joseph Cachia
Konsulent fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti

Is-Sur Stefan Borg
Communications Coordinator
tal-Onor. Ministru Michael Falzon

Is-Sa Letizia Buttigieg
Head of Communications

Is-Sur Grazio Barbara
Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali)

Is-Sur Anton Cesare
Direttur (Direttorat tal-Operat)

Is-Sa Daniela Azzopardi
Senior Research Officer QACO
Awtorità dwar Standards
ta' Ħarsien Soċjali

Is-Sa Suzanne Garcia Imbernon
Task Manager
Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal

Is-Sa Rosalie Vella Piscopo
Manager: Strategic Marketing
& International Relations

Is-Sa Melissa Pace
Senior Executive 1
Marketing Aġenzija Sapport

Is-Sa Remenda Grech
Direttur - Appoġġ

Is-Sur Archibald Attard
Officer in Scale 10






Agħti d-demm
illum
Għada jista' jkun tard

2206 6201

GRAZZI

# Editorjal

**Tonio Bonello**
Editur Media MSFC
Corporate Communications
Manager

## LEJN FAMILJA AKBAR U AMBJENTALMENT SOSTENIBBLI




Meta f'dawn l-aħħar snin nedejna l-kunċett u branding ta' FAMILJA, minkejja l-ħolm u l-ideat kollha li kelli u li kellna, qatt ma bsart li fi żmien relattivament qasir, FAMILJA kienet se tikber b'dan il-mod. Biex wieħed jifhem eżatt x'qed ngħid, ħarsa lejn il-paġni ta' ġewwa f'din il-ħarġa intitolati: 'Il-vetrina tal-MSFC biex nilħqu kull faxx tal-pubbliku', jitkellmu waħedhom.

Dan mhux riżultat ta' ħidmet persuna, imma ta' tim kollettiv li qdifna flimkien f'direzzjoni waħda biex wasalna fejn wasalna. M'hemmx kliem biex nirringrazzja biżżejjed tant kollaboraturi, interni u esterni. Nibda mill-Ministru, is-Segretarju Permanenti, id-Diretturi Ġenerali, id-Diretturi kollha u partikolarment id-Direttur tagħna tal-Operat, konsulenti,  koordinaturi tal-komunikazzjoni, il-kollegi fl-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni u fil-Bord Editorjali, il-kontributuri professjonali u dawk voluntiera fost tant oħrajn.

Illum ninsabu mexjin lejn fażi ġdida li tħares biex timplimenta żewġ sfidi oħra importanti. It-trasformazzjoni tal-kontenut stampat lejn dak diġitali flimkien ma' qafas aktar dinamiku bl-għan li nkabbru l-udjenza tagħna. Dan bl-għan biex nilħqu aktar persuni u familji li għandhom bżonn ikunu jafu x'qed noffru aħna (l-MSFC) iżda li forsi għad m'għandhomx għarfien sħiħ ta' ħidmitna fi sforz biex huma stess ikunu jistgħu jgħixu ħajja aħjar.

# Baġit ieħor li mhux mistenni jpoġġi piżijiet addizzjonali fuq iċ-ċittadini

**L-Onor. Michael Falzon**
Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal

Ħbieb, sa fl-aħħar qed ingawdu l-istaġun sajfi, li ħafna tant ikunu qed jistennew, speċjalment il-familji u t-tfal li jkunu jistgħu jqattgħu ħafna iktar ħin flimkien. Il-ġurnata twalet u ħafna jieħdu l-opportunità jgawdu l-klima sajfija, min mod u min b'ieħor.

Ir-realtà ġdida li ġabet magħha l-pandemija bidlet ukoll xi ftit jew wisq, dak li konna drajna nagħmlu, speċjalment fejn jidħlu l-attivitajiet soċjali u s-safar. Dan iżda ma qatax qalb numru ta' persuni li xorta għażlu jsiefru bil-prekawzjonijiet meħtieġa, b'eluf oħra ta' nies igawdu u jesploraw kemm jistgħu l-gżejjer Maltin.

Minn naħa tiegħu dan il-Gvern, kompla jsaħħaħ l-istrutturi soċjali, bil-għan li l-poplu Malti kollu jgawdi minn sitwazzjoni soċjo-ekonomika pożittiva. Komplejna ninvestu fin-nies, fejn għat-tieni darba qassamna l-vawċers, li minnhom eluf ta' familji diġà gawdew, filwaqt li miljuni ta' ewro ġew ġenerati fl-ekonomija ta' Malta.

Għalkemm anke għalina l-politikanti, dan iż-żmien ikun xi ftit kajman iktar mis-soltu, bħalissa ssir il-parti l-kbira mill-formulazzjoni tal-Baġit għas-sena 2022. Baġit ieħor li mhux mistenni illi jpoġġi piżijiet addizzjonali fuq iċ-ċittadini, għax nemmnu f'ekonomija ta' tkabbir u mhux dik ta' awsterità.

Nemmnu li għandna nagħtu lin-nies aktar opportunitajiet ta' xogħol, tisħiħ ta' benefiċċji soċjali, u fuq kollox politika li tiżgura solidarjetà u ġustizzja soċjali ma' kulħadd. Se nkomplu nsaħħu l-pensjonijiet, u fejn nistgħu nagħtu pensjoni anke lil dawk li s'issa qatt ma bbenefikaw minn pensjoni, minħabba li ma kellhomx biżżejjed kontribuzzjonijiet soċjali.

Filfatt matul din is-sena, kien hemm 860 persuna li bdew jieħdu l-pensjoni għall-ewwel darba u dan bis-saħħa tat-twettiq ta' miżura ġdida li tirrikonoxxi bolol imħallsa qabel l-età ta' 19-il sena.



Fortunatament ngħixu f'pajjiż, fejn il-qagħda soċjali hija waħda ferm pożittiva, u li qed isservi wkoll ta' mudell għal pajjiżi oħra. Dan huwa possibli grazzi għall-ħidma ħolistika mill-Gvern, mid-dipartimenti kollha, bl-impenn massimu miż-żgħir sal-kbir.

Nieħu l-opportunità hawnhekk biex nirringrazzja lill-ħaddiema kollha tas-Sigurtà Soċjali, għall-qlubija kbira li wrew matul l-aħħar xhur. B'sodisfazzjon, inħares lura lejn il-ħidma tal-ewwel sitt xhur tas-sena, fejn diġa wettaqna 95% tal-miżuri soċjali kollha mwiegħda fil-baġit għal din is-sena. Ma' dawn wettaqna miżuri addizzjonali oħra bħal-benefiċċji marbuta mal-Covid-19, u dan kollu filwaqt li bqajna nsaħħu l-politika tagħna fil-qasam tal-protezzjoni tat-tfal u fejn jidħlu l-vizzji fost oħrajn.

Hekk se nkomplu nagħmlu, matul is-snin li ġejjin għax nemmnu li soċjetà bieżla msejsa fuq valuri sodi, jixirqilha tgawdi minn kwalità ta' ħajja pożittiva u opportunitajiet għal kulħadd. Din hija Malta li rrid ngħix fiha. Din hija l-Malta li rrid nara lill-uliedna, u ulied uliedna jgħixu fiha.

**MSFC> FILMAT**

Segwi l-Ministru għas-Solidarjetà u l-Ġustizza Soċjali, Il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal Michael Falzon jagħti rendikont tal-miżuri soċjali tal-Baġit 2021 li diġa daħlu fis-seħħ. Jinkludi diskors tas-Segretarju Permanenti s-Sur Mark Musù.
*Agħfas hawn*



# L-użu tal-ħin fil-ħajja

**Mark Musù**
Segretarju Permanenti
Ministeru għas-Solidarjetà,u
l-Ġustizzja Soċjali,
il-Familja u Drittijiet tat-Tfal

Fil-Malti nsibu diversi qwiel li jitkellmu dwar il-preġju tal-ħin fil-ħajja ta' kuljum għaliex kif jingħad, 'jgħaddi mingħajr ma' jsellem, ħiemed bla ma jitkellem'.

Il-qwiel huma mera tal-esperjenzi tal-ħajja tal-bniedem tul is-sekli. Ma jappartinux lil xi pajjiż partikulari, iżda wirt tal-umanità. Dawk Maltin ukoll jirriflettu t-tiġrib u l-esperjenzi li għaddew minnhom missirijietna meta l-ħajja kienet aktar iebsa, għalkemm kajmana.

Ma kellhomx il-kumdità tal-ħajja moderna u l-ħin ma kienx ilebbet kif sar fil-ħajja mgħaġġla tal-lum. Għal dawk fostna li huma anzjani jew, li minħabba l-kundizzjoni tagħhom, ma jistgħux joħorġu minn djarhom, il-ħin jarawh miexi bil-lajma. Dan inħass sew tul il-lockdown minħabba l-pandemija meta l-anzjani u l-vulnerabbli kellhom jinqaflu fi djarhom.

Minn naħa l-oħra, għal dawk li jaħdmu, speċjalment dawk li għandhom tfal li għadhom l-iskola, il-ħajja jqisuha ġirja kontra l-ħin biex ilaħħqu max-xogħol, mal-ħidma fid-dar u biex iħabirku jaslu minn post għall-ieħor.

Għal bosta minna, il-ġurnata tgerbeb aktar malajr u ż-żmien narawh itir. Qed ngħixu f'dinja fejn il-progress teknoloġiku biddel il-mod kif ngħixu minn dak li konna mdorrijin bih sa 10 jew 20 sena ilu. Ninsabu f'taqbida biex inlaħħqu ma' kollox.

Iżda jekk nieqfu naħsbu, nintebħu li għalkemm il-ħin josfor, fl-aħħar mill-aħħar, il-kmand tal-ħin huwa f'idejna. Għaliex il-ħin huwa għodda li bi ftit għaqal nistgħu nużawh u nikkontrollawh kif meħtieġ.

M'hemmx differenza bejn ġurnata u oħra – kull waħda fiha 1,440 minuta u dawn japplikaw l-istess għal kulħadd, kemm jekk student, mara tad-dar, ħaddiem tal-id jew direttur ta' kumpanija, sinjur jew fqir. Nużaw siegħat f'ħidma essenzjali bħal xogħol u qadi; oħrajn insarrfuhom fi ħtiġiet personali bħal eżerċizzju u mistrieħ; u oħrajn biex inpoġġu nieklu jew nimteddu norqdu. Huwa kif nippjanaw u nużaw il-kumplament tal-ħin li jagħmel id-differenza.

Iż-żmien għażiż. Li jgħaddi ma ġġibux lura. Għalhekk tajjeb li wieħed jippjana kif juża ħinu b'għaqal skont il-prijoritajiet tal-ġurnata, b'dawk l-aktar importanti jieħdu preċedenza. Bi pjan effettiv wieħed ikun jista' jlaħħaq aħjar mat-taħbit tal-ġurnata,

*Ikompli fil-paġna li jmiss*

kemm fuq il-lant jew il-post tax-xogħol kif ukoll mal-bżonnijiet personali jew tal-familja.  B'hekk wieħed ikollu s-sodisfazzjon li jnaqqas it-tferfix u t-tensjoni u jkabbar il-produttività.

F'wieħed mill-kotba tiegħu, l-awtur Franċiż, Victor Hugo, xebbaħ il-pjan ta' ħidma li jitfassal filgħodu u li jitwettaq matul il-gurnata ma' nisġa li tgħin bniedem iterraq tul il-labirint ta' ħajja bieżla u ta' taħbit.

L-ippjanar fl-użu tal-ħin sar jitqies tant importanti li studenti f'korsijiet dwar prinċipji w aspetti ta' maniġment qed jitħarrġu u jitgħallmu kif  jiżviluppaw din il-ħila sabiex ikunu  produttivi fl-impjieg tagħhom u fl-istess ħin jagħrfu jsibu bilanċ u sodisfazzjon fil-ħajja tagħhom. Inkitbu wkoll għadd sabiħ ta' kotba dwar dan is-suġġett u fuq l-internet wieħed isib websites u blogs li jagħtu pariri u ħjiel dwar kif isir l-aħjar użu tal-ħin.

Fih innifsu l-internet sar parti integrali fil-ħajja ta' kuljum; iżda daqskemm sar mezz ta' komunikazzjoni siewi, daqstant ieħor sar l-akbar għajn ta' xkiel u aljenazzjoni fl-użu tal-ħin.  Bla ma rridu nintilfu insegwu dak li jkun qed jingħad u jinkiteb fuq il-medja soċjali u l-portals tal-aħbarijiet, jew biex infittxu nwieġbu jew nibgħatu messaġġi. Irridu nagħrfu niddixxiplinaw irwieħna fl-użu ta' dan il-mezz biex ma nitilfux ħin bla bżonn waqt li nkunu xogħol u fil-ħin liberu tagħna, speċjalment meta nkunu miġbura mal-familja.

L-użu bil-għaqal tal-ħin tagħna jwassal biex intejbu l-effiċjenza u l-produttività fix-xogħol  kif ukoll biex ngħixu aħjar mingħajr tensjoni u pressjoni. F'dan il-kuntest, il-policy l-ġdida fis-servizz pubbliku dwar ir-remote working li tinkludi r-right to disconnect tindirizza proprju dawn l-aspetti wkoll. M'għandix dubju li fis-snin li ġejjin se naraw dawn il-prinċipji jinfirxu f'setturi oħra fil-pajjiż għax hemm bżonn soċjali, ekonomiku u ambjentali li jiġri dan. Huwa mezz ukoll ta' żvilupp sostenibbli.



# What are the EU Social Security Coordination rules and how do these apply to me?

**Karen Farrugia**
Manager II (Research)
International Affairs



In this series of Articles, we will provide more specific information on each benefit covered by the EU coordination rules. The previous article outlined the provisions for unemployment benefits. This Article will provide more information on accidents at work and occupational diseases.

Benefits for work-related injuries or diseases are the responsibility of the country where a person is insured for social security purposes at the time of the accident or disease. More complex rules cover the determination of liability of benefits for occupational diseases.

## Accidents at Work

The country where a person is insured for social security purposes is also responsible for the benefits related to an accident at work, even if this is different from the country of residence or the country where the accident occurred. A claim for benefits must be submitted in accordance with the procedures laid down by the country of insurance.

## Occupational Diseases

Occupational diseases may be identified at a later stage in life. The country where the occupational disease is first diagnosed shall make the necessary investigations to determine whether the occupational disease is due to an activity carried out in its territory or whether this is due to a previous activity carried out in another country. The country that is determined responsible for the occupational disease shall provide benefits.

These provisions on benefits in respect to accidents at work are very similar to sickness benefits. These benefits are given either in kind or in cash.
A person should inform the insurance institution when the accident at work occurs or when the professional disease is diagnosed for the first time otherwise the entitlement to benefits may be negatively affected.

## Benefits in Kind

In the event of an accident at work the person is entitled to benefits in kind. These provide or reimburse the cost of medical care, medicines and services needed. Benefits in kind are payable according to the legislation of the state in which the person resides.
If the country of residence is different from the state of insurance, the institution in the state of residence will provide the benefits in kind according to its legislation. The state of residence will be reimbursed by the competent institution of the state of insurance.
The Competent institution in Malta for benefits in kind is the Health Entitlement Unit. They can easily be contacted on entitlement.health@gov.mt or (356) 25952400.

## Benefits in Cash

These benefits are always paid according to the legislation of the state in which the person was insured when the accident at work occurred regardless of the country of residence or stay. They are normally paid out directly by the institution of the state of insurance who can, however, agree with the institutions of the state of residence or stay that the cash benefit will be paid out by them.

Coverage against accidents at work and occupational diseases is still provided even if the accident at work happens while travelling outside the territory of the state in which the person is insured. A document 'DA1' certifies the rights to healthcare and should be presented to the healthcare authorities of the state of residence or stay.

For more information you may visit the Europa Website on:
https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=864&langId=en

# FSWS : The Governing Board (part 2)

An interview with
Mr. Joseph Gerada
Chairperson,
Foundation for
Social Welfare Services
by Tonio Bonello

**Who does the Foundation serve? And what is the typical profile of the Foundation's staff?**

The Foundation serves a wide variety of service users ranging from children needing protection to elderly individuals who may also need protection. The Foundation is perhaps mostly known for its child protection and domestic violence services as sometimes such situations end up in the media. However, the services of the Foundation goes beyond these long-standing services.

The Foundation provides both specialized services such as those already mentioned and others like foster care, adoptions, social work for the elderly in residential homes, medical social work services at Mater Dei and also Community based services.

The Community and Therapeutic Services provide social work in the community together with therapeutic services to address social issues as early as possible in order to avoid situations, escalating. This approach has a strong preventive content that is meant to support families address the problem during difficult times and return stability to the family as fast as possible. The interventions may take time, however it is time well invested as it minimises the disruptions to family life, sometimes with legal and/or mental health implications.

To serve such a wide-ranging service users, the organisation needs to have an equally diverse team of professionals. In fact, the Foundation almost has within it, representatives of all the caring professions.

The largest group of professionals are the social workers, however, they work in multi-disciplinary teams that include psychologists, counsellors, therapists and care workers, among others.

The community services are served with youth workers and community development workers while the medical professionals include medical officers, nurses, psychiatrists, and pharmacists. I am sure that there are more professions to list but nonetheless all professions are critical to provide holistic services to our service users.

The front liners need to have adequate support by various functions, most notably the human resource function which is trusted with managing the talent of the employees while ensuring that our professionals are well resourced to deliver a service that exceeds expectations.

One can go on describing the functions of each department, but this is not the scope of this interview. Nonetheless, the point is that, to provide a quality service that is sustainable in the long run, one also needs to have the right support services. These functions are equally provided by trained personnel in the respective disciplines.

It is a kaleidoscope of professions that all come together with one objective - to assist the service users address their issues to avoid the risk of poverty. In this regard, the notion of unconditional positive regard towards our clients is embedded in the mind of each one of us, no matter what one's role is.

The dictum is, if you are not serving the client, you are serving someone who is. So, give your very best at all times and to everyone.

**Part Three of this interview will be published in the Winter 2021 issue of rivista FAMILJA.**

*This is a series of articles aimed at informing and educating about the role of the Foundation for Social Welfare Services, as well as explaining, the function and operation of the Council of Europe as in relation to MSFC. In this three-part interview, we are focusing on the function of the FSWS Board of Directors.*

# Ħsieb ta' tmiem is-Sajf

**George Zammit**
Gwida u lajk reliġjuż

Kull sajf għandu l-istorja differenti tiegħu, però dejjem bl-istess rutina minn sena għall-oħra. Tgħix fid-dawl tax-xemx, tgħum fil-baħar, tisma' l-ħsejjes tal-mewġ iħabbat mal-blat u tixrob xi xarba friska.

Fil-qalba tas-sajf, għal parti l-kbira tan-nies, id-dinja bil-mod il-mod tibda tidher tonqos, tbatti, tinbidel jew saħansitra tieqaf. L-attivitajiet prinċipali ta' ħafna miċ-ċittadini jiffukaw aktar dwar ħin ta' serenità, ġranet ta' mistrieħ jew xi vaganza.

Imma għall-oħrajn, sfortunatament l-istaġun tas-sajf ifisser aktar xogħol għaliex ċerti impenji fis-soċjetà jridu jibqgħu jiġu rispettati anke jekk fl-eqqel tas-sħana u xemx tarmi n-nar. Issa li wasalna lejn tmiem ta' staġun ieħor sajfi, għandna għax tassew inkunu grati u napprezzaw il-ħidma ta' tant nies.

Is-sajf jagħti dimensjoni ta' ħajja aktar serena u sabiħa, partikolarment meta permezz ta' forsi aktar ħruġ, ikollna l-opportunità niltaqgħu ma' nies twajba. Fis-sajf tispikka s-serenità, speċjalment fuq it-tfal żgħar wara disa' xhur ta' skola, studji u eżamijiet.

Kemm hi tassew sensazzjoni sabiħa meta f'xi bajja tilmaħ l-innoċenza tat-tfal, jieħdu pjaċir jgħoddsu, jew f'attentat biex jiġbru ftit ragħwa li titgerbeb mal-mewġ, jagħlqu l-pali ta' jdejhom imma meta jerġgħu jiftħuhom ma jsibu xejn għajr ftit taqtir.

Jeħtieġ li l-adulti jerġgħu isiru bħal dawn it-tfal. Jieqfu ftit mir-rutina mgħaġġla tal-ħajja u jagħmlu pawsa ta' mistrieħ f'dawn il-ġimgħat li jaf joffrilna kull sajf. Fejn il-bniedem jista' jistrieħ mill-ħsibijiet rikorrenti tiegħu li jħoss li jkun maħkum minnhom u jara l-perspettiva l-oħra tas-sabiħ tal-ħajja.

Il-bniedem għandu bżonn li jerġa' jibda jitbissem. Li jsib ftit ħin fil-ġurnata biex iħares 'il fuq lejn is-sema blu. Jimmaġina li l-ħsibijiet tiegħu huma bħas-sħab li jgħaddi u li, tajbin jew ħżiena, xi darba għad ukoll jispiċċaw minn ħajtu.

Wara kull sħaba, is-sema tibqa' dejjem sabiħa, ċara, imdawla u lesta biex tilqa' dak kollu li jgħaddi mingħajr ma jkun imfixkel. Mela m'hemm xejn aktar għalxiex għandek tibża' jew titħasseb. Ħalli lilek innifsek fit-triq it-tajba t'Alla u ttama fis-sbuħija tal-Ġenna.

Indipendentament minn kull ħsieb, ikun xi jkun, il-ħajja ta' kull bniedem xorta għandha d-dritt għas-serenitaà, is-sigurtà, il-paċi u d-dinjità tagħha. B'dan il-ħsieb nittama li lkoll kemm intom kellkom sajf tajjeb u nawgura lit-tfal sena skolastika oħra mill-aqwa u aktar ħidma lill-kbar.



# Jiem internazzjonali mfakkra bl-għan li l-umanità jkollha ħajja aħjar

**Tonio Bonello**
Corporate
Communications Manager
MSFC

Matul is-sena fid-dinja jkunu mfakkra numru ta' jiem bl-għan li titqajjem aktar kuxjenza u jkun hawn għarfien dwar temi ta' importanza fis-soċjetà. L-oriġini ta' dawn huma entitajiet ewlenin fid-dinja jew Ewropej bħan-Nazzjonijiet Uniti, il-Unesco u oħrajn li permezz ta' resoluzzjonijiet u ratifiki jkun maqbul kif dawn jibdew ikunu ċelebrati ta' kull sena fil-pajjiżi rispettivi.

Illum ħsibt biex nagħti ħarsa lejn dawn il-jiem internazzjonali li jkunu mfakkra proprju minn dan ix-xahar, Settembru sa Novembru ta' kull sena. Ħasra li xi drabi ċerti anniversarji saru jkunu biss element kosmetiku ta' ċelebrazzjoni jew sempliċi osservanza.

F'dan ir-rigward hu essenzjali li fl-iskejjel dawn il-jiem ikunu aktar sostnuti b'elementi prattiċi u ta' azzjoni biex fihom it-tfal jaraw l-importanza vera ta' ċerti jiem waqt li l-ġenituri jkomplu jinkoraġġixxu lil uliedhom ikunu parteċipi b'mod konkret f'okkażjonijiet tali wkoll.

Biex nagħti eżempju, nhar il-5 ta' Settembru jkun ċelebrat il-jum internazzjonali dwar il-karità. Tkun xi ħaġa sabiħa li f'dan il-jum l-istudenti jkunu murija filmat ta' tfal daqshom f'pajjiżi tat-tielet dinja biex jifhmu aktar it-tbatija li tinsab għaddejja minnha ħafna mid-dinja. Kull skola tista' tagħżel istituzzjoni tal-karità f'Malta jew barra minn Malta u dakinhar l-istudenti jkunu mħeġġa jagħtu donazzjoni li tmur għal dik l-entità.

Kull jum għandu s-sinifikat u l-importanza tiegħu u jalla dawn iservu biex b'mod tanġibbli s-soċjetà li ngħixu fiha, ta' dawn il-gżejjer u dik dinjija, jagħmlu dawn il-jiem aktar relevanti b'numru ta' azzjonijiet favur it-titjib tal-ħajja tal-bniedem u tal-istess dinja. Ma nistax insemmi l-jiem kollha ta' dawn it-tlett xhur f'dan l-ispazju limitat iżda qed inwassal uħud minnhom.

**SETTEMBRU**

05.09 Il-jum dinji tal-karità

07.09 Il-jum dinji dwar l-arja nadifa għal sema ikħal

08.09 Il-jum dinji tal-litteriżmu

15.09 Il-jum dinji għad-demokrazija

16.09 Il-jum dinji għal preservazzjoni tal-ożonju

21.09 Il-jum dinji għal paċi

26.09 Il-jum dinji għall-eliminazzjoni tal-armi nukleari

29.09 Il-jum dinji biex tinħoloq kuxjenza dwar il-ħela tal-ikel

**OTTUBRU**

01.10 Il-jum dinji tal-persuni anzjani

02.10 Il-jum dinji għall-eliminazzjoni tal-vjolenza

05.10 Il-jum dinji tal-għalliema u l-edukaturi

10.10 Il-jum dinji dwar is-saħħa mentali

17.10 Il-jum dinji biex tasal fit-tmiem il-povertà

24.10 Il-jum dinji tan-nazzjonijiet uniti

27.10 Il-jum dinji dwar il-wirt awdjoviżiv

31.10 Il-jum dinji tal-ibliet

**NOVEMBRU**

02.11 Il-jum dinji biex tiġi fit-tmiem l-impunità fuq reati kriminali fil-konfront tal-ġurnalisti

09.11 Il-ġimgħa dinjija biex tfakkar ix-xjenza u l-paċi

14.11 Il-jum dinji tal-persuni bil-kundizzjoni tad-dijabete

16.11 Il-jum dinji għat-tolleranza

18.11 Il-jum dinji għall-għarfien tal-filosofija

20.11 Il-jum dinji tat-tfal

25.11 Il-jum dinji għall-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa

29.11 Il-jum dinji ta' solidarjetà mal-poplu palestinjan

# Il-vetrina tal-MSFC biex nilħqu kull faxx tal-pubbliku

# Dejjem lesti biex ngħinuk

**Tonio Bonello**
Editur Media MSFC
Corporate
Communications Manager

Żmien il-famuża typewriter għadda u mar. L-istess l-istampar, partikolarment f'dawn l-aħħar deċenji mar lura drastikament proprju mal-introduzzjoni tat-tixtrid tal-aħbar elettronikament. L-applikazzjonijiet (magħrufa bl-Ingliż bħala Apps) bdew jiżdiedu bl-għan li d-dinja taqleb kważi kompletament mit-twassil tal-informazzjoni stampat għal dak virtwal.

Fejn qabel f'din in-naqra ta' gżira kien ikollna madwar 20 Editur jirrappreżentaw il-gazzetti, ir-radju u t-televiżjoni, illum b'applikazzjonijiet magħrufa bħal Facebook, Youtube, Instagram, Twitter u oħrajn, jista' jingħad li kulħadd sar editur. Kulħadd jikteb dak li jrid, jippubblika r-ritratti u l-filmati tal-għażla tiegħu jew tagħha waqt li l-popolarità m'għadhiex essenzjalment titkejjel mis-sondaġġi, imma mill-Likes li persuna tirċievi għal dak li tkun ppubblikat.

Dawn l-applikazzjonijiet mhumiex esklussivi għal popolin imma saru n-numru wieħed anke ta' entitajiet kummerċjali kbar. Saħansitra jintużaw mill-amministrazzjoni ta' kull gvern ċentrali biex iwasslu dak li jridu jħabbru bl-aktar mod veloċi, effiċjenti u bl-anqas ħlas possibbli. Fost dawn illum hemm magħhom il-Ministeru tagħna, tas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal.

Dan hu mument ta' sodisfazzjon għalija u għat-tim kollu li naħdmu flimkien għaliex f'dawn l-aħħar snin rajna u esperjenzajna ħolma li, b'ħafna ħsieb u b'ħafna xogħol irnexxielna nagħmluha realtà.

Ma kenitx qabża awtomatika. L-aktar meta tikkunsidra l-faxxi tas-soċjetà u dawk l-aktar individwi u familji vulnerabbli li dejjem xtaqna nilħqu. L-ewwel pass iżda sar, u llum bi pjaċir ngħid, qed noffru lill-pubbliku Malti u Għawdxi pjattaforma ħolistika ta' kif jista' jaċċessa tagħrif informattiv dwar il-Ministeru, is-servizzi li joffri, benefiċċji li wieħed/waħda tista' tkun intitolata għalihom u ħafna aktar permezz ta' dawn l-applikazzjonijiet kif ġejjin.

Jalla dan il-proġett ikompli jimraħ, jirfina u jiġġedded biex mhux biss ninfurmaw u nedukaw, iżda aktar minn kollox, li kull Malti u Għawdxi, li kull Maltija u Għawdxija – indipendentament mis-sess, età, orjentazzjoni, klassi u twemmin tagħraf tibbenifika minn dak kollu offrut f'pajjiżna mill-Gvern skont iċ-ċirkostanzi u l-bżonnijiet tagħha.

**ISSUU : L-għodda l-ġdida**
B'seħħ minn Lulju 2021, l-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni fi ħdan id-Direttorat tal-Operat introduċa mezz ġdid kif nilħqu l-udjenza tagħna aħjar, issa fuq pjattaforma diġitali. Dan hu ISSUU, sit elettroniku internazzjonali fejn persuna tista' ssib bosta pubblikazzjonijiet ta' kull xorta u f'kull ġeneru minn kull rokna tad-dinja.

Reċentament sar ħafna xogħol biex l-edizzjonijiet ta' Familja ta' dawn l-aħħar erba' snin, jiġifieri minn meta kien imniedi l-kunċett FAMILJA dawn setgħu jiġu arkivjati fuq ISSUU. Forsi l-aktar faċilità li jtina ISSUU però huwa l-aċċess faċli ta' informazzjoni dwar il-Ministeru, issa minn madwar id-dinja kollha.

Ma' dan, il-formati kollha tal-preferenza tiegħek. Fi ftit kliem, kemm jekk qed tuża desktop computer, però wkoll jekk qed tuża tablet jew saħansitra smartphone, permezz ta' ISSUU issa jista' jkollok aċċess faċli fuq l-apparat teknoloġiku tal-għażla tiegħek li jasal għandek fil-format proprju konformi mas-sistema.

Segwi rapport sħiħ fil-paġna: X'Hemm Ġdid, ir-rokna ta' kull tlett xhur dwar il-Ministeru. Nieħdu gost jekk narawk tagħmel parti minn din l-udjenza ġdida tagħna fuq ISSUU.

https://issuu.com/msfc-familja.media/docs/familja_nru._14_rebbiegha_2021
https://issuu.com/msfc-familja.media/docs/familja_nru._15_sajf_2021

**FAMILJA.GOV.MT : IL-KUNTATT AWDJOVIŻIV**
B'effett minn tmiem Mejju 2018 il-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal, ħaseb biex iniedi qafas ieħor ta' komunikazzjoni mal-pubbliku Malti u Għawdxi u dan permezz tal-pjattaforma YouTube.

Illum jista' jingħad li dan il-mezz ta' għarfien wasal tassew fejn kien mixtieq għaliex segwa linja komuni llum, jiġifieri tat-twassil tal-aħbar b'mod konċiż imma fl-istess ħin sħiħ ta' dawk l-aktar fatti importanti ta' kull ġrajja b'mod viżiv.

Is-sit li għandek taċċessa huwa Family.gov.mt fejn minn hemm tmur direttament fis-sezzjoni Latest. Hemmhekk jinsabu arkivjati għexieren ta' stqarrijiet ministerjali iżda fil-kuntest awdjoviżiv. Inti kemm tara liema stqarrija hi ta' interess għalik u fejn għandek is-simbolu tal-vleġġa ħamra għafas fuqha u tidħol direttament fl-aħbar li tixtieq issegwi.

Il-link li għandek taċċessa huwa- https://family.gov.mt/en/Pages/Latest-Featured.aspx

Il-preżenza tal-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal issa tinsab ukoll fuq is-sit popolari mad-dinja Facebook.
Familja@familjagovmt bħalissa tgawdi udjenza ssegwi ta' madwar 2,500 persuna u l-kunċett warajha hu dak li taġġorna l-pubbliku, partikolarment udjenza tal-ġenerazzjoni li ssegwi din l-applikazzjoni bl-aħħar aħbarijiet hekk kif jiġru.

Il-link li għandek taċċessa huwa- https://www.facebook.com/familjagovmt/

Dan hu s-sit elettroniku tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Is-sit ikun aġġornat regolarment u persuna tista' tagħżel li tfittex u taqra l-kontenut kemm bil-Malti, kif ukoll bl-Ingliż.
Fost il-faċilitajiet li għandu nsibu il-Benefits Calculators, il-Benefits Compliance, il-Benefits Rates, informazzjoni u applikazzjonijiet dwar servizzi u/jew benefiċċji, it-taqsima tal-International Relations, dik dwar kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, dati tal-pagamenti, my social security u l-aħħar aħbarijiet permezz ta' artikli u pubblikazzjonijiet interessanti.
Il-link li għandek taċċessa huwa- https://socialsecurity.gov.mt/en/



Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) għandu l-paġna Facebook ukoll li din tinsab aċċessibbli permezz tal-link (URL) kif jidher hawn taħt.
Din il-paġna hi popolari ħafna mal-pubbliku tant li sakemm qed nikteb dan, diġà għandha jsegwuha madwar 16,000 persuna.
L-għan hu dak li tipprovdi informazzjoni dwar benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali, aġġornamenti, tħabbir ta' miżuri ġodda, my social security, tagħrif dwar il-kampanja Ġemma, notifiki, attivitijiet u inizjattivi oħra li jittieħdu minn żmien għal żmien. Il-Paġna Facebook tad-DSS hi aġġornata regolarment.
Il-link li għandek taċċessa huwa- https://www.facebook.com/DSSMalta/

family.gov.mt

Hawnhekk insibu s-sit uffiċjali tal-Ministeru. Fi ftit kliem is-sit ikopri elementi sostanzjali li huma komuni fis-siti l-oħra preċedenti. Forsi b'aktar aċċenn insibu l-għażla: Min Aħna, u dik dwar il-funzjoni u l-operat tal-Ministeru. Ma tonqosx ukoll l-għażla dwar kif il-pubbliku jista' jagħmel kuntatt magħna.
Il-link li għandek taċċessa huwa- https://family.gov.mt/mt/l-ufficcju-tas-segretarju-permanenti/

Dan hu sit elettroniku komprensiv ħafna li minnu stess jagħtik il-faċilità biex taċċessa pjattaformi oħrajn diġitali. Fost dawn, Paġna Facebook Ġemma, Ġemma YouTube u Ġemma Linked-In fost oħrajn. Litteralment, minjiera ta' tagħrif u informazzjoni, dejjem aġġornat tindirizza kull faxxa tas-soċjetà u kull sitwazzjoni possibbli f'dak li hu l-qasam monetarju.
Is-sit Ġemma : Kun af, Ippjana, Ħu azzjoni għandu fil-ħsieb l-għan li jgħallem u jeduka l-pubbliku bl-għan li jkollna soċjetà bil-għaqal, kapaċi tagħmel użu tajjeb minn dak li ddaħħal, li tivvalorizza u tagħmel distinzzjoni ta' bejn x'inhu tassew l-essenzjal, il-kapriċċ, jew saħansitra l-lussu. Tista' tkun sinjurun u tiġi b'xejn, però tista' tkun fqir u tkun kapaċi li mid-dħul limitat li għandek, xorta waħda tgħix ħajja deċenti u dinjituża.
Il-link li għandek taċċessa huwa- https://gemma.gov.mt/




# FAMILJA MAGAZINE

INTENDED AND ADDRESSED TO THE GENERAL PUBLIC AS THE OFFICIAL VOICE OF THIS MINISTRY

## MSFC > X'HEMM ĠDID?

Aġġornament ta' kull tlett xhur mill-Ministeru

**Tonio Bonello**
Corporate Communications Manager
MSFC

### ĦIDMA FIL-KONFRONT TAL-QASMA DIĠITALI

Sa ftit tas-snin ilu biss, il-qasma diġitali kienet ċara u qawwija bejn l-etajiet u l-klassijiet tas-soċjetà. Permezz ta' ħidma kostanti mill-Ministeri konċernati partikolarment ta' dawn l-aħħar għoxrin sena, din il-materja mhux m'għadhiex teżisti, iżda taffiet sew mis-saħħa tagħha.

Niftakar żmien meta kont responsabbli mit-tmexxija tal-komunikazzjoni fid-Dipartiment tal-Anzjani fejn flimkien ma' tim ta' kollegi konna bdejna norganizzaw l-ewwel korsijiet dwar taħriġ bażiku fil-computers fiċ-ċentri kollha ta' matul il-jum tal-anzjani.

Kien żmien fejn lanqas l-infrastruttura tal-wifi ma' kien hemm f'uħud minn dawn. Saħansitra lanqas computers ma kien hemm biżżejjed u allura x-xogħol ta' preparazzjoni intens, anke b'kollaborazzjoni mal-Awtorità tal-Komunikazzjoni kien ferm akbar milli kien mistenni.

Kellna wkoll il-problema tal-loġistika ta' trasport peress li dawn l-anzjani kellhom jinġabru individwalment mil-lokalitajiet rispettivi tagħhom, jittieħdu fiċ-ċentri jsegwu t-taħriġ u jerġgħu jkunu ritornati lura fi djarhom. Tassew proġett li ma kien xejn faċli iżda li għal grazzja t'Alla sar ukoll u tana ħafna sodisfazzjon.

### INIZJATTIVI MILL-MSFC

Illum, erba' snin wara li bdejt nagħti s-servizzi tiegħi ma' dan il-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal, u wkoll flimkien ma' tim tajjeb ta' kollegi f'kull livell irnexxielna noħolqu serje ta' inizjattivi bl-għan li s-servizzi offruti mill-istess Ministeru u l-aġġornamenti li jsiru minn żmien għal żmien ikunu magħrufa mal-akbar udjenza possibli. Dan biex kulħadd ikun infurmat dwar il-benefiċċji u s-servizzi li persuni jew familji huma intitolati għalihom rispettivament.

Kienet imnedija r-rivista Familja fil-format stampat u on-line, kif ukoll, eventwalment bdew joħorġu s-supplimenti speċjali ta' kull sena. Ma' dawn, serje ta' artikli riċerkati u informattivi kull fejn ningħataw spazji fil-ġurnali lokali.

Illum bi pjaċir qed inniedu faċilità oħra kif il-pubbliku Malti u Għawdxi jista' jaċċessa faċilment kull materjal ta' informazzjoni ta' benefiċċju għalih. Dan hu ISSUU.

**ISSUU : L-għodda l-ġdida**

B'effett minn Lulju 2021, l-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni fi ħdan id-Direttorat tal-Operat introduċa mezz ġdid kif nistgħu nilħqu l-udjenza tagħna aħjar, issa fuq pjattaforma diġitali, kif diġà tinsab kollaborata permezz ta' Facebook u Youtube fost oħrajn. Dan hu ISSUU, sit elettroniku internazzjonali fejn persuna tista' ssib bosta pubblikazzjonijiet ta' kull xorta u f'kull ġeneru, u minn kull rokna tad-dinja.

Matul dawn l-aħħar xhur sar ħafna xogħol biex l-edizzjonijiet ta' Familja ta' dawn l-aħħar erba' snin, jiġifieri minn meta kien imniedi l-kunċett FAMILJA dawn setgħu jiġu arkivjati fuq ISSUU. Apparti l-udjenza konsiderevoli li ssegwi s-sit, però mill-att Editorjali ISSUU jtina wkoll il-faċilità li namministraw il-pubblikazzjonijiet tagħna skont kif meħtieġ f'kuntest ta' emendi, aġġornamenti u/jew kwalunkwe żviluppi ġodda li jkunu qed isegwu minn żmien għal żmien.

Forsi l-aktar faċilità li jtina ISSUU però huwa l-aċċess faċli ta' informazzjoni dwar il-Ministeru, issa minn madwar id-dinja kollha, int fejn int. Ma' dan, il-formati kollha tal-preferenza tal-pubbliku. Fi ftit kliem, kemm jekk qed tuża desktop computer, però wkoll jekk qed tuża tablet jew saħansitra smartphone, permezz ta' ISSUU issa jista' jkollok aċċess faċli fuq l-apparat teknoloġiku tal-għażla tiegħek li jasal għandek fil-format proprju konformi mas-sistema.

Meta tagħfas fuq dan il-link hawn taħt se tkun dħalt mill-ewwel fl-arkivji ta' ISSUU. Fil-post fejn issib il-lenti, jiġifieri biex tfittex, kemm tikteb, Familja u pront jitilgħu il-ħarġiet kollha rispettivament.

Faċilità oħra hi dik imsejħa Stories Inside fejn meta tagħżel il-ħarġa li trid, int se tkun tista' tagħżel ukoll liema artiklu tixtieq issegwi minn werrej viżiv bit-titoli tal-istejjer. Dan bla ma jkollok għalfejn tqalleb il-paġni biex tasal fejn trid. Din il-faċilità iżda għadha fil-proċess li tkompli tkun żviluppata. Nieħdu gost jekk narawk tagħmel parti minn din l-udjenza ġdida tagħna fuq ISSUU.

https://issuu.com



# mySocialSecurity: Servizzi Onlajn

**It-Tim tal-IMU**
MSFC

Nistgħu ngħidu li rajna l-potenzjal tat-teknoloġija f'dan iż-żmien daqshekk diffiċli. Qatt ma nħass daqshekk il-bżonn li tintuża t-teknoloġija daqskemm qed tinħass bħalissa f'dan iż-żmien ta' pandemija.

Iċ-ċittadin jipprova jevita li joħroġ minn daru u biex jobdi t-talbiet tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika qed jirrikorri aktar għall-informazzjoni u applikazzjonijiet onlajn. Fil-każ tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, dawn il-fatturi kienu diġà esposti biex jintużaw. Għalhekk għall-benefiċċju taċ-ċittadin hawnhekk qed nintroduċu serje ta' għarfien dwar użu ta' servizzi onlajn bil-ħsieb li jkun hemm aktar użu b'kunfidenza.

Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali joffri numru ta' servizzi mis-sit elettroniku: https://mysocialsecurity.gov.mt

Dawn is-servizzi jistgħu jiġu aċċessati kemm mil-laptop, tablet jew mowbajl. Dan is-sit huwa offrut kemm bil-Malti, kif ukoll bl-Ingliż u jippermetti lill-individwu jaċċessa numru ta' servizzi personalizzati onlajn tas-Sigurtà Soċjali.

SIGURTÀ SOĊJALI

Mill-menu tal-Kalkulaturi, wieħed jista' jaċċessa kalkulatur tal-benefiċċji mingħajr il-bżonn ta' awtentikazzjoni, filwaqt li l-menu tas-Servizzi Onlajn joffri aċċess għal servizzi personalizzati li xi wħud jeħtieġu awtentikazzjoni bl-ID elettronika (e-ID). Illum il-ġurnata huwa faċli biex tapplika biex ikollok e-ID, u dan billi taċċessa s-sit elettroniku https://identitymalta.com/.

B'dan il-mod iċ-ċittadin ikollu wkoll il-faċilità ta' aċċess għal servizzi onlajn ta' dipartimenti u entitajiet oħra tal-Gvern.

Ser nibdew nitkellmu fuq erba' servizzi offruti onlajn u li huma diġà qed jiġu utilizzati sew mill-pubbliku.

L-ewwel servizz huwa dak fejn persuna tista' tissottometti kopja taċ-ċertifikat mediku oriġinali l-blu - 'Issottometti Ċertifikat Mediku'. Dan jirreferi għaċ-ċertifikat blu tal-mard li persuna tkun trid tibgħat lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fi żmien 10 jiem mill-ewwel ġurnata ta' mard, f'każ ta' perjodu ta' ġranet tal-Leave tal-Mard li jaqbżu t-tlett (3) ijiem. Trid tintuża l-awtentikazzjoni bl-ID elettronika biex tibgħat dan iċ-ċertifikat onlajn.

Huwa ferm importanti li ċ-ċertifikat tal-mard ikollu d-dettalji kollha tat-tabib u tal-applikant mimlija sew fuq iż-żewġ naħat. Iċ-ċertifikat irid ikun iffirmat mill-applikant qabel ma jiġi skennjat miż-żewġ naħat u sottomess. L-applikant jirċievi email ta' notifikazzjoni awtomatika bid-dettalji li jkunu ntbagħatu.

Servizz ieħor offrut huwa dak fejn persuna jkun jista' jaf fhiex waslet l-applikazzjoni tiegħu - 'Monitoraġġ ta' Applikazzjoni'. Dan huwa wkoll servizz personalizzat; jiġifieri trid tintuża l-ID elettronika sabiex taċċessa s-servizz. Dan is-servizz juri lista ta' applikazzjonijiet jew talbiet għal reviżjonijiet li ċ-ċittadin ikun għamel f'dawn l-aħħar tnax-il xahar. Għalhekk, wieħed ikun jista' jara jekk it-talbiet ġewx maħduma u x'kien l-eżitu.

Żewġ servizzi oħra offruti huma dak sabiex iċ-ċittadin ikun jaf meta se jkun hemm il-ħlasijiet ta' benefiċċji jew pensjonijiet, kif ukoll b'liema rata se jsir il-pagament - 'Skeda tad-Dati tal-Ħlas' kif ukoll 'Skeda tar-Rati tal-Benefiċċji'.

Dawn is-servizzi huma maqsumin f'gruppi simplifikati biex iċ-ċittadin isibha faċli biex jara taħt liema sezzjoni jrid ifittex. Dawn il-gruppi huma:

(a) Benefiċċji għall-Familja,

(b) Benefiċċji mhux Kontributorji,

(ċ) Għajnuna Medika,

(d) Għotjiet, Bonuses u Skemi, Pensjonijiet Kontributorji u

(e) Xogħol, Inċentivi u Benefiċċji għal Diżimpjieg.

F'każ li persuna jkollha bżonn ta' għajnuna dwar dan is-sit elettroniku, wieħed jista' jċempel fuq il-Freephone 153, jintbagħat email fuq social.security@gov.mt jew jibgħatilna messaġġ mill-paġna tagħna tal-Facebook.

# Rokna Tfal

## Kompetizzjoni b'differenza

Din l-attività kienet tikkonsisti f'kompetizzjoni li saret fl-iskejjel u kienet organizzata mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni. It-tfal eliġibbli biex jipparteċipaw kellhom ikunu studenti li jinsabu fir-raba', fil-ħames u fis-sitt sena tal-primarja.
Għal din il-kompetizzjoni kkonkorrew 621 tifel u tifla. Jista' jingħad li minn 621 parteċipazzjoni, 317 kienu fil-ġeneru tat-tpinġija, 192 fil-kitba, 45 li kienu jikkonsistu f'filmati jew preżentazzjoni powerpoint, waqt li 67 student użaw iktar minn mezz wieħed mill-ġeneri msemmija.
Ir-rebbieħa ta' din il-kompetizzjoni se jitħabbru fil-ġimgħat li ġejjin filwaqt li x-xogħlijiet kollha tat-tfal se jkunu għall-wiri f'esebizzjonijiet li se jitħabbru iktar 'il quddiem. Apparti minn hekk, fil-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku ta' din is-sena hu ppjanat li jsiru work placements ta' ftit sigħat għal kull min ipparteċipa.
F'għajnejn it-tfal, is-Servizz Pubbliku huwa fuq quddiem nett tas-soċjetà u jixtieqU li meta jikbru, huma wkoll jagħmlu differenza pożittiva f'pajjiżna.

**X'tixtieq issir la tikber?**

- 10% il-ħolma tagħhom hi li jkunu jaħdmu fin-natura jew mal-annimali.
- 15% jixtieqU jagħmlu parti mill-forzi dixxiplinati u l-protezzjoni ċivili.
- 15% tat-tfal li ħadu sehem jixtieqU jieħdu l-vokazzjoni ta' għalliema.
- 18% jaraw futur fl-arti varji, kultura u sport.
- 20% taw risposti differenti ħafna li jvarjaw minn accountants, avukati u nutara, sa piloti, illustraturi, fotografi u social workers rispettivament.
- 22% tat-tfal jaraw il-futur tagħhom fix-xjenza u l-mediċina, bħala tobba, infermieri, spiżjara u tekniċi.





Mix-xellug għall-lemin: Is-sinjuri Grazio Barbara, Stephen Vella, Joyce Grech, Jonathan Silvio, Alfred Grixti u Jesmond Schembri waqt l-iffirmar tal-ftehim.

# Memorandum ta' ftehim ġdid għall-programm FEAD

**Joyce Grech**
Assistent Direttur
Policy Development and
Programme Implementation

Il-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal riċentament iffirma memorandum ta' ftehim mal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali bl-għan prinċipali li jħares d-data personali tal-benefiċjarji tal-Programm FEAD.

Dan il-pass importanti sar biex ikun hemm konformità sħiħa mal-obbligi li joħorġu mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u biex jissaħħu l-istrutturi fi ħdan il-Ministeru għas-suċċess tal-implimentazzjoni tal-programm FEAD filwaqt li titkompla l-ħidma favur iżjed solidarjetà b'risq dawk l-aktar fil-bżonn fis-soċjeta' tagħna.

Il-ftehim kien iffirmat minn Jonathan Silvio, Direttur għall-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programmi u d-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali, Grazio Barbara għan-nom tal-Ministeru, filwaqt li l-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali kienet irrapreżentata minn Alfred Grixti, Kap Eżekuttiv u Jesmond Schembri, Direttur għall-Protezzjoni tad-Data rispettivament.

Dan il-ftehim kien iffirmat fil-preżenza ta' Joyce Grech, Assistent Direttur li tmexxi l-Programm FEAD għall-Ministeru u Stephen Vella, Direttur għas-Servizzi Korporattivi fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali.

Il-Programm FEAD hu mħaddem fil-pajjizi kollha li huma stati membri tal-Unjoni Ewropea. F'Malta, din l-għajnuna tingħata lill-benefiċjarji varji fosthom familji bit-tfal bi dħul baxx u anzjani. It-tqassim jikkonsisti fi prodotti tal-ikel u jitqassam minn 17-il lokalità f'Malta u Għawdex tliet darbiet fis-sena.

Bl-għan li l-Programm jitħaddem b'mod effiċjenti, il-lista ta' benefiċjarji li jikkwalifikaw għal din l-għajnuna toħroġ mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali qabel kull distribuzzjoni. Kull min hu eliġibbli għal Programm FEAD jirċievi ittra li jeħtieġ jippreżentaha fil-post tad-distribuzzjoni.

Dawn iċ-ċentri jkunu mmexxija mill-professjonisti fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali bl-assistenza ta' numru ta' volontiera li jagħmlu l-verifikazzjoni kollha meħtieġa biex jiġi assikurat li l-kaxxi tal-ikel jingħataw lil dawk li huma eliġibbli. L-ittra tieħu ħsieb tinforma wkoll lill-benefiċjarji x'tip ta' data qed tingħata lill-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien għall-iskopijiet ta' evalwazzjoni, monitoraġġ u stħarriġ tal-programm u l-perjodu li għaliha tista' tinżamm id-data personali tagħhom.

Permezz ta' dan il-memorandum ta' ftehim, il-professjonisti tal-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali ngħatawlhom aktar possibilitajiet biex ikunu jistgħu jfasslu programm ta' miżuri ta' akkumpanjament skont il-bżonn speċifiku tal-individwu u/jew l-familja li jista' jikkonsisti f'taħriġ, it-tqassim ta' kotba għat-tfal, għajnuna fix-xiri tal-proprjetà, proġetti fil-komunità, kif ukoll programmi li jibnu l-ħiliet, b'mod speċifiku għal persuni li mhux qegħdin fid-dinja tax-xogħol u li għandhom bżonn is-sapport meħtieġ sabiex ikunu jistgħu jsibu mpjieg permanenti.

Dan il-ftehim isaħħaħ il-qafas tas-servizzi li jingħataw lill-benefiċjarji bil-għan li jagħtihom l-għodod kollha neċessarji sabiex b'hekk tonqos ukoll id-dipendenza fuq il-benefiċċji soċjali u titjieb l-inklużjoni soċjali.

Min jixtieq aktar informazzjoni dwar il-Programm FEAD hu ġentilment mitlub li jibgħat ittra elettronika fuq l-indirizz fead.family@gov.mt inkella jċempel 2258 8965 jew 7901 3090.

# ĠEMMA u s-serje 'Il-Kotba ż-Żgħar is-Suwed dwar Scams u Frodi': Kif taħdem Scam

**It-Tim ta' ĠEMMA**
Uffiċċju
tas-Segretarju Permanenti

Fl-aħħar ġimgħat Malta esperjenzat numru ta 'scams u frodi bbażati fuq l-internet u l-mobile. L-aħħar scam ra scammers jippreżentaw ruħhom b'email jew SMS bħala kumpaniji fejn jinfurmaw persuni li wasal pakkett tal-posta għalihom. Dawn il-persuni f'dan il-mail jew SMS ingħataw struzzjonijiet biex jikklikkjaw fuq link biex iħallsu miżata amministrattiva żgħira biex ikunu jistgħu jiġbru dan il-pakkett.

X'inhi t-tattika li juża l-iscammer? L-iscammer javviċinak bi storja maħsuba apposta biex iġiegħlek temmnu. L-iscammer jilgħab bl-emozzjonijiet u l-imġiba tiegħek – bħal opportunità biex tagħmel kemxa flus, biex issib sieħeb jew sieħba, jew biex tgħin lil xi ħadd fil-bżonn. L-iscammer dejjem se jippreżenta ruħu bħala uffiċjal tal-gvern jew ta' xi kumpanija – inklużi kumpaniji li inti familjari magħhom – bħala uffiċjal tal-posta, uffiċjal ta' xi lotterija, jew xi mara attraenti. L-iscammer juża kwalunkwe wieħed minn dawn it-tattiċi:

L-armi li juża l-iscammer ikunu maħsuba biex iġegħluk tbaxxi l-livell ta' attenzjoni, tibla' l-istorja li jgħidlek u taġixxi b'mod mgħaġġel jew b'mod irraġonevoli u hekk tgħaddi għall-istadju finali – dak li tibgħat il-flus jew tipprovdi informazzjoni personali. L-armi tal-iscammer jinkludu dawn:

Juża d-dettalji personali tiegħek biex iġiegħlek taħseb li diġà kellek x'taqsam miegħu qabel u hekk l-iscam tidher regolari.

Ikollu l-karatteristiċi kollha ta' negozju reali billi juża pamflets attraenti, b'lingwaġġ tekniku li normalment jintuża fl-industrija partikolari, u kollox ippreżentat fuq sfond ta' ritratti ta' faċċati ta' uffiċini, call centres u websites professjonali.

Joħloq dokumenti foloz li jkunu jixbħu ħafna lil dawk uffiċjali – bħal dokumenti li jidhru li għandhom l-approvazzjoni tal-gvern jew mimlijin b'lingwaġġ legali li jista' jagħti lill-iscam awra ta' awtorità.

Trid tkun taf iżjed dwar scams u frodi? ĠEMMA ngħaqdet mal-Fondazzjoni e-Skills Malta b'erba' kotba elettroniċi fis-serje, Il-Kotba ż-Żgħar is-Suwed dwar Scams u Frodi. Żur il-paġna ĠEMMA biex tara jew tniżżel is-serje ta' ĠEMMA : Il-Kotba ż-Żgħar is-Suwed dwar Scams u Frodi: https://gemma.gov.mt/ebook-download-page/

| | |
|---|---|
| Email | Dan għadu l-aktar metodu favorit; irħis u mod tajjeb kif scammer jikkomunika ma' numru kbir ta' persuni. |
| Midja soċjali (Facebook, Instagram, eċċ.), websites tad-dating, forums online | Dawn huma pjattaformi li inti tuża jew tibbrawżja b'mod regolari. Bihom tista' tavviċina persuna u tistabbilixxi kuntatt magħha, u bihom l-iscammer jipprova jkun "friend". |
| Websites tax-xiri online, riklami klassifikati u websites tal-irkant online | Dawn jintużaw mill-iscammers biex jikkuntattjawk. L-ewwel kuntatt ġeneralment isir permezz ta' websites stabbiliti u fdati jew websites foloz li minn barra jkunu jidhru ġenwini. |
| Telefonati | F'ħafna scams differenti t-telefonati mill-iscammers isiru direttament lid-djar u lin-negozji, ibda minn scams b'theddid li jinvolvu t-taxxa għal offerti ta' premjijiet jew "għajnuna" kontra xi virus fil-kompjuter. |
| SMS | Dan normalment jinvolvi li l-iscammer jippromwovi oġġetti jew servizzi li finalment jibqgħu mhux ikkonsenjati jew li jkunu ta' kwalità skarsa. |

# Id-Djar tal-Pupi

Intervista ma' Rebecca Micallef

**Mary Anne Zammit**

Jien qiegħda ngħix il-ħolma tiegħi. Hekk tenniet bi tbissima fuq fommha, Rebecca Micallef, li hi magħrufa għas-sengħa tagħha, tal-minjaturi tal-pupi. U x'hemm isbaħ milli tara dawn id-djar maħduma b'tant reqqa u ħsieb? Li jagħmilhom aktar affaxxinanti u interessanti hu l-fatt li kull dar tirrappreżenta perjodu partikulari mill-istorja. Il-minjaturi huma attrezzati bl-għamara u kull dettal relatat waqt li l-pupi jintlibsu kostumi li jippartjenu dik l-epoka.

Il-pupi joħduna lura meta konna għadna tfal u jfakkruna fir-relazzjoni li kellna magħhom. Anke n-namra ta' Rebecca bdiet minn tfulitha, appuntu meta hi kellha madwar ħames snin. Kollox beda meta darba waħda kienet qalgħet dar tal-pupi. Minn hemm hi ssaħret u nibtet fiha l-idea li tibda tibni d-djar tal-pupi. Dan ġie sostnut maż-żmien imma jidher li reġa' ħa spinta akbar meta hi kellha sbatax-il sena u hekk reġgħet bdiet taħdem fuq din il-kollezzjoni.

"Id-djar qabel jiġu armati jirrikjedu riċerka intensiva fir-rigward tal-istorja u l-perjodu. Jitolbu wkoll studju tal-kuluri li kienu jintużaw f'dik l-epoka, it-tip ta' ħwejjeġ li kienu jilbsu, l-ikel, u l-mezzi ta' tisjir. Eżempju, fil-perjodu Vittorjan mhux se tagħmel cooker fid-dar għax dan ma kienx jeżisti." tenniet Rebecca.

Ix-xogħol tagħha jikkonsisti fit-tfassil ta' pjanta tal-pjan li dan ikun jinkludi l-binja tal-injam u d-dekor fosthom



bil-wall paper. Issir ukoll l-art u d-dawl li jkomplu jagħtu dehra aktar awtentika. Rebecca sostniet li ħafna mix-xogħol tagħmlu hi u tikkalkula li dejjem iddum madwar disa' xhur sakemm jitlesta kollox, jiġifieri dar waħda. Kull kamra jkun fiha madwar 8 pulzieri għoli u d-djar ikunu jinkludu kċina u kmamar oħra li huma relatati mal-perjodu. Dwar il-pupi, ħafna minnhom ikunu magħmula miċ-ċeramika u hi żżid id-dettall u tlibbishom.

Iżda x' inhu l-aktar stil favorit ta' Rebecca?

"L-aktar stil li nħobb hu dak Victorian, Regency, tas-snin tletin, però jogħġbuni wkoll l-epiki tal-istil Georgian u anke dak medjavali. Ġieli nħobb inżid xogħol ta' kreattività u fantasija. Eżempju, il-perjodu tal-medju-evu u Tudor huwa perjodu mdallam u allura jirrikjedi aktar riċerka għaliex anke l-kostumi huma anqas kuluriti u d-djar huma differenti wkoll. Għalhekk, kont għamilt madwar disa' xhur infittex u nagħmel riċerka. Waqt li fl-istil Regency jispirani ħafna l-ktieb Pride and Prejudice għax bħal jeħodni eżatt fl-ambjent ta' dak iż-żmien."

Minkejja dan, il-preferenza ta' Rebecca jibqa' dak tal-monarkija Vittorjan u dan għaliex f'dak il-perjodu kien hemm qawmien ġdid u modern, fejn beda dieħel id-dawl u l-kuluri u l-ilbiesi kienu bdew ikunu isbaħ. Rebecca tagħti eżempju ta' minjatura ta' stil Vittorjan u li fiha hi inkorporat triq mimlija ħwienet ta' kull tip, ilkoll b'relevanza mal-epoka inkwistjoni. Interessanti l-fatt li f'kull dar minn dawn, kull karattru għandu isem u l-istorja tiegħu rispettivament.

Id-djar ta' Rebecca għandhom ukoll valur sentimentali qawwi għaliex ħafna minnhom semmiethom għall-istess tfal tagħha u saħansitra għal missierha. Kull dar tfakkarha fi żmien partikulari ta' ħajjitha.

Rebecca tatni l-eżempju ta' minjatura ta' ħanut imsemmi Miss Leah Boutique, dedikat għat-tifla tagħha u dak tal-maestro tax-xwabel b'dedika għal missierha. F'tal-ewwel l-ispirazzjoni ġiet mill-karattru ta' Miss Leah, waħda tfajla li kellha negozju tal-ħwejjeġ fi żmien fejn il-mara kienet bdiet toħroġ aktar fis-soċjetà.

Il-letteratura wkoll tilgħab parti importanti f'dan ix-xogħol u hawnhekk Rebecca tirreferi għal awturi kbar bħal Charles Dickens u Jane Austin fejn il-karattri tagħhom bħal jerġgħu jieħdu l-ħajja fil-proġetti li toħloq.

Jista' jingħad li Rebecca tgħallmet dan il-mistier delikat waħidha u mill-iżbalji tagħha stess. Kumplimentari ma' dan tħobb tivvjaġġa lejn l-Olanda biex titħarreġ aktar waqt li anke tfittex u tagħmel ħafna mir-riċerka tagħha permezz tal-internet.

Rebecca tgħid li d-drapp u l-materjal għal pupi wkoll irid ikun wieħed partikulari, u ħafna drabi mhux faċli ssib drapp kif tkun tixtieq hi. F'dawn l-okkażjonijiet hi tordna dan il-materjal minn Spanja.

Tkompli tgħid li sfortunatament l-artiġjanat u x-xogħol tal-idejn qiegħed kull ma jmur jispiċċa, imma almenu tinsab kuntenta li b'dak li qed tagħmel qed tgħix il-ħolma tagħha. Hekk wara jum taħseb għall-familja u wara li tkun lestiet mix-xogħol, erħilha tmur ħdejn il-pupi tagħha u hemmhekk tqatta' s-sigħat taħdem fil-kwiet ta' dak il-ħin.

Għalikom il-qarrejja rrid ngħid li dawn il-minjaturi jinsabu esibiti u min imur jarahom żgur li għandu aktar minn siegħa jitpaxxa b'dan ix-xogħol sabiħ u uniku fi vjaġġ kollu storja ta' epoki, dekor u kostumi.

Min irid iżur din il-wirja jista' jagħmel kuntatt ma' Rebecca fuq l-indirizz elettroniku: myminiatureworld.mt@gmail.com jew billi ċċemplu 77761860, inkella permezz tal-media soċjali bħal Facebook u Instagram, kif ukoll fuq is-sit www.myminiatureworld.blogspot.com






# Il-500 mitt Ħarġa tal-Fuljett IT-TRIQ

**Godwin Borg**
Membru fil-grupp 'It-Triq'

Min ħadem fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, jew f'xi dipartiment tal-gvern ieħor b'mod partikolari fl-istess Ministeru matul dawn l-aħħar erbgħin sena, mhux ħaġa kbira li ġie f'idejh il-fuljett "IT-TRIQ" jew aħjar "IT-TRIQ ma' Kristu l-ferħ possibbli."

Kien propju fi Frar tal-1980 li tqassmu 60 kopja tal-ewwel ħarġa ta' dan il-fuljett lill-ħaddiema li kienu jaħdmu fit-Taqsima Amministrattiva tal-Ministeru li kien jaqa' taħtu wkoll id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Minn dakinhar, dan il-fuljett baqa' joħroġ kull xahar biex proprju dan ix-xahar, Settembru 2021, hekk qed ippubblikat għall-500 darba.

Forsi wieħed jistaqsi, "Imma kif beda dan il-fuljett?", "Min kien warajh?", "X'messaġġ jitwassal?", "X'inhu l-għan ewlieni ta' din il-pubblikazzjoni ċkejkna?", "Kif ġie iffinanzjat għal iktar minn erbgħin sena?", "Lil min jitwassal u jintbagħat?" u "X'inhu l-futur?" Permezz ta' dan l-artiklu, ser inwasslulkom ftit tagħrif li jwieġeb dawn il-mistoqsijiet, kif ukoll xi informazzjoni oħra li taf tkun ta' interess għalikom.

Fis-sena 1979, erba' ħaddiema fit-Taqsima Amministrattiva imsemmija aktar 'l fuq, ftiehmu li waqt il-ħin tal-break jibdew jiltaqgħu regolarment biex jitolbu flimkien. Malajr nibtet l-idea, li dak iż-żmien kienet popolari, li dawn iwaqqfu prayer group bl-isem IT-TRIQ.

Sabiex joħolqu għarfien ta' din l-inizjattiva bdew jikkunsidraw li joħorġu newsletter, biex b'hekk fi Frar 1980 tqassmet l-ewwel ħarġa tal-fuljett. Sa mill-bidu nett, u kif stipulat fl-istess statut tal-Grupp IT-TRIQ, "L-istil tal-kitba għandu jkun ħafif u mexxej, miktub kemm jista' jkun minn ħaddiema għall-ħaddiema. Il-messaġġ għandu dejjem ikun ta' natura spiritwali. Għandha tingħata attenzjoni sabiex il-materjal ippubblikat ikun konformi mat-tagħlim kurrenti tal-Knisja."

Il-fuljett, huwa wkoll mezz sabiex jitħabbru l-attivitajiet li minn żmien għal żmien jorganizza l-Grupp, bħalma huma rtiri, Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan, u quddies f'okkażjonijiet speċjali.

Xejn ma jsir b'xejn; u biex issir din il-pubblikazzjoni hemm ħafna qlub ġenerużi li jiddedikaw ħafna ħin biex, xahar wara l-ieħor, il-fuljett jasal għand l-abbonati. Min jikteb jew jiġbor il-materjal, min jipprepara l-layout, min jagħmel l-arranġamenti mal-istampatur, min jitwi, min jippreparah għall-posta, min iqassmu bl-idejn, min jibgħat verżjoni elettronika lill-abbonati bl-email u min jagħti xi kontribuzzjoni biex jinfdew l-ispejjeż.

Tajjeb ngħidu li l-fuljett jitqassam lil madwar 1600 abbonat li jirċievu hard copy tal-fuljett kif ukoll lil aktar minn 300 abbonat bl-email. Il-fuljett jidher ukoll fuq il-website tal-Prayer Group IT-TRIQ www.it-triq.org. Jekk inti wkoll tixtieq tibda tirċievi dan il-fuljett li jitqassam B'XEJN, tista' tibgħat email fuq it-triq@camline.net.mt jew tiktbilna f'dan l-indirizz: Paul Schembri: 11 Suffolk Cottage, Triq Dun Karm Lia, Lija LJA 1411. Huwa importanti li tindika jekk tridx tirċievi hard copy tal-fuljett bil-posta jew verżjoni elettronika (.pdf file) bl-email.

Aħna, il-membri tal-grupp, meta nħarsu lura u naraw kemm xogħol sar matul dawn it-tnejn u erbgħin sena biex baqa' joħroġ il-fuljett, konvinti li wara dan kollu dejjem kellna l-appoġġ meħtieġ tal-ġenerożità ta' ħafna persuni u l-id providenzjali tal-Mulej.

Illum li l-parti l-kbira tagħna aħna pensjonanti, meta nħarsu 'l quddiem, nittamaw u nitolbu kontinwament li din il-ħidma titkompla minn persuni iżgħar fl-età. Għaldaqstant, jekk waqt li qed taqra, tħoss li tista' tgħin u tkun strumentali biex titkompla din il-ħidma, tista' tagħmel kuntatt mal-Grupp IT-TRIQ billi tikteb fl-emails kif indikati aktar 'il fuq.

Proprju fi Frar 1980, l-Arċisqof Monsinjur Ġużeppi Mercieca kien qal dan il-kliem lill-membri tal-Prayer Group 'Għeżież uliedi, fil-kitba tagħkom spiss iktbu fuq l-Imħabba għax din il-virtù hi l-aqwa waħda li għandna bżonn li nkabbru fostna. Min iħobb bis-serjetà żgur li ma jagħmel qatt ħsara lil ħadd, ma jisraq lil ħadd, ma jgħir għal ħadd. Iva! Aħdmu biex tikber l-Imħabba.' Dan il-Grupp, matul dawn it-tnejn u erbgħin sena segwa dan il-parir u ħadem bis-sħiħ.

# X'hemm ġdid, fil-kapitali? Kostruzzjoni għaddejja fuq il-Mużew tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann

**Tonio Bonello**

Il-pubbliku fi Triq il-Merkanti, il-Belt issa jista' josserva li twaqqaf krejn fuq is-sit fejn se tinbena s-sala tal-Arazzi, flimkien mat-taraġ spirali u lift partikolari li huwa uniku għal Malta. Għalkemm ma kienx viżibbli għall-pubbliku, ammont kbir ta' xogħol u tħejjijiet intensi kienu qegħdin isiru bl-għan li jkun jista' jiġi implimentat dan il-proġett.

Il-konsulenti tal-Fondazzjoni AP Valletta u EM Architects qed jaħdmu flimkien biex jaraw dan ix-xogħol isir realtà.

Fl-ewwel fażi saru testijiet ġeoloġiċi biex jiġi żgurat li l-pedamenti li fuqhom ser tinbena l-Kamra tal-Arazzi huma adegwati. Biex isir dan, l-art se tissaħħaħ b'hajt li jikkonsisti f'kolonni tal-konkrit fl-art f'żoni speċifiċi. B'kollox, 170 kolonna tal-konkrit se jitpoġġew fil-pedamenti li jipproteġu ż-żoni storiċi tas-sejjieħ li darba kienu ċimiterju. Saret ukoll riċerka u investigazzjonijiet estensivi biex ikun żgurat li ma jintilef l-ebda materjal storiku.

Għal dawn l-aħħar sentejn, l-iskavar, kollu magħmul bl-idejn, sar minn grupp ta' arkeoloġi taħt is-superviżjoni tas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali (SCH) li jipprovdu gwida biex jintegraw u jipproteġu kwalunkwe sejba.

Il-proġett ta' restawr u kostruzzjoni ta' żoni ġodda jinvolvi interventi f'wieħed mill-aktar monumenti storikament importanti ta' Malta. Qed isiru wkoll numru ta' diskussjonijiet kontinwi mal-Awtorità tal-Ippjanar, is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali, il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, Transport Malta, u l-Assoċjazzjoni tas-Sidien tal-Ħwienet fil-Belt Valletta rispettivament.

Għalhekk, id-deċiżjonijiet kollha meħuda jitwettqu bl-akbar attenzjoni u bbażati fuq riċerka u investigazzjonijiet fil-fond biex jiġi żgurat li hemm għarfien biżżejjed tas-sit. Kwalunkwe tibdil fil-permess oriġinali huwa suġġett għall-approvazzjoni tas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali, l-Awtorità tal-Ippjanar u l-UNESCO.

Il-pedamenti l-ġodda u l-kostruzzjoni tal-Kamra tal-Arazzi u xogħlijiet l-oħra ta' restawr huma fdati f'idejn AX Construction Ltd u bdew f'April li għadda. Sal-lum kien rreġistrat progress sinifikanti, bl-installazzjoni ta' rinfurzar tal-azzar għall-kolonni qabel ma kienet applikata l-bażi tal-konkrit.

Waqt li kienu qed isiru l-investigazzjonijiet, kien hemm Sejħa għal xogħlijiet fl-inħawi biex tinżamm iż-żona tal-Caravaggio. Il-pjan terran se jkun jikkonsisti f'sala li se turi l-pittura li tirrappreżenta lil San Ġirolmu ta' Caravaggio. Biswit, l-ispazju awdjo-viżiv li se jipproġetta l-istorja tal-artist u ż-żmien tiegħu fil-gżira.

Ir-restawr tal-kripta taħt l-oratorju u l-ispazji tal-kantina dalwaqt jibdew. Flimkien maż-żona tal-Caravaggio, ir-riabilitazzjoni ta' dawn iż-żoni huma parzjalment iffinanzjati mill-Fond Reġjonali u ta' Żvilupp Ewropew.

L-għan tal-mużew il-ġdid huwa li juża l-bini maġenb il-Kon-Katidral biex jakkomoda l-oġġetti li bħalissa jinżammu maħżuna. Ix-xogħlijiet ta' estensjoni jinkludu r-riabilitazzjoni taż-żoni eżistenti fil-livell tal-kantina, ir-restawr tal-Kripta Bartolott, il-kostruzzjoni ta' Kamra tal-Arazzi ġdida, iż-żona tal-Caravaggio u żona ġdida tal-biljetti tad-dħul minn Triq il-Merkanti li se tissepara l-Mużew minn mal-Knisja.



# Is-Sigriet li wieħed ikun kuntent f'ħajtu

**Vince Tonna**
M.Ger; Dip.Appl.Social Studies (Social Worker)

Wieħed mis-suġġetti li dejjem xtaqt nikteb dwaru hu dwar l-importanza tal-kuntentizza f'ħajjitna. Minn sondaġġ xjentifiku li sar fl-Università ta' Malta, dan ikkonferma kif minn l-aħħar World Happiness Report 2020 li kien sar irriżulta li l-Malti huwa poplu ġeneralment kuntent b'ħajtu.

L-inqas li wieġbu illi huma sodisfatti ħafna kienu ż-żgħażagħ ta' bejn is-16 u l-25 sena, forsi minħabba diversi fatturi li qegħdin jiffaċċjaw f'dawn l-etajiet bħal l-istudji u l-eżamijiet, kif ukoll xi minn daqqiet l-aspetti ta' ribelljoni.

Skont studju ieħor li qrajt li kien għamel grupp ta' xjentisti li jaħdmu fil-qasam soċjali, dawn indikaw diversi fatturi li jagħmlu l-poplu kuntent f'ħajtu. Uħud minnhom huma: Żwieġ ħieni; Ħbieb tajba; Il-fatt li persuna tikkuntenta ruħha bil-ftit; Is-sodisfazzjon li persuna tieħu meta tgħin lill-ħaddieħor; u l-fatt li persuna ma toqgħodx tikkompara kif tidher hi ma' kif jidher ħaddieħor.

Irridu nżommu dejjem f'moħħna li l-kuntentizza ma tiġix fuqna bħal qisu maġija. Qabel xejn, min jixtieq ikun kuntent, il-kuntentizza jrid jiskopriha, jaħdem għaliha u jikkultivaha. Jiddependi ħafna jekk inkunux kuntenti jew le f'ħajjitna; (a) Mill-personalità tagħna, (b) Il-ħsibijiet tagħna, u (ċ) L-imġiba tagħna.

Hemm numru ta' nies fostna li jaħsbu li l-kuntentizza takkwistaha billi jew nitwieldu sinjuri, jew sirna sinjuri għax naħdmu ħafna jew irbaħna l-lotterija, inkella minħabba s-sbuħija fl-apparenza tagħna.  Il-fatti huma li jeżistu persuni sinjuri jew sbieħ li ma humiex kuntenti! Hemm nies sinjuri li l-imħabba għall-flus wasslithom għal (a) Inkwiet u nuqqas ta' rqad; (b) Diżappunt, kif ukoll (c) Niket u frustrazzjoni.

Nies li huma kuntenti jindikawlna li huma kuntenti fosthom minħabba:
(a) Li japprezzaw dak li għandhom. Jidraw jieħdu pjaċir fl-affarijiet żgħar u sempliċi li jsibu madwarhom; (b) Huma ottimisti fil-ħajja tagħhom;
(c) Jiddedikaw ħin għall-familja tagħhom; (d) Għandhom sense of purpose f'ħajjithom; (e) Jibżgħu għal saħħithom, iġifieri jieklu dak biss li jeħtieġu u fi kwantità moderata;
(f) Huma nies ġenerużi (Hemm iktar hena meta tagħti milli meta tirċievi (Atti 20:35).

Irrid intemm dan l-artiklu tiegħi billi nirrakkontalkom diskussjoni li saret minn għalliema fil-klassi ta' tfal żgħar. Staqsithom meta huma jħossuhom kuntenti l-aktar?  Fosthom kien hemm min qal: Meta l-ġenituri tiegħi jsibu ħin biex jilagħbu miegħi; Meta twieled ħija, għax ġabilna ferħ kbir fil-familja; Meta norqod għand in-nanna għax tgħid ħafna stejjer tal-antik. Esperti ewlenin isostnu li: (a) It-triq li twasslek għall-kuntentizza hi li tagħmel lil ħaddieħor kuntent (Ralph Ingersoll); u (b) Il-kuntentizza tissawwar minn ħafna mħabba u ħafna servizz (Oliver Schrener).



# WORD SEARCH (Animals)

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | L | E | P | H | A | N | T | D | K | R | A | H | S | B |
| W | O | L | F | A | N | G | O | A | T | E | W | R | B | A |
| D | B | E | A | R | G | H | A | T | E | L | H | E | U | R |
| U | E | T | O | E | E | A | D | O | G | G | A | G | T | R |
| C | L | A | W | A | L | W | B | R | C | A | L | I | T | A |
| K | K | C | L | F | F | K | G | T | H | E | E | T | E | C |
| P | E | N | G | U | I | N | N | O | O | B | A | B | R | U |
| Y | I | H | O | R | S | E | J | I | K | L | M | N | F | D |
| T | C | R | A | B | H | O | P | S | H | E | E | P | L | A |
| H | A | N | T | E | L | O | P | E | Q | Q | R | S | Y | T |
| O | U | Q | H | N | U | P | V | Q | R | U | C | G | H | K |
| N | V | E | A | U | H | O | D | F | W | Z | I | A | D | X |
| X | W | Y | A | L | A | Z | Y | E | K | N | O | D | Z | O |
| B | B | S | A | L | A | M | A | N | D | E | R | A | B | Z |
| C | O | C | K | R | O | A | C | H | I | P | M | U | N | K |

ANGELFISH
ANTELOPE
BABOON
BARRACUDA
BEAGLE
BEAR
BUTTERFLY
CAT
CHIPMUNK
COCKROACH
CRAB
DOG
DONKEY
DUCK
ELEPHANT
ELK
GOAT
HARE
HAWK
HORSE
OWL
PENGUIN
PYTHON
SALAMANDER
SHARK
SHEEP
SQUID
TIGER
TOAD
TORTOISE
WHALE
WOLF

# SUDOKU

The goal of Sudoku is to fill a 9×9 grid with numbers so that each row, column and 3×3 section contain all of the digits between 1 and 9.

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 6 | | 7 | | 3 | | |
| | | | | | 9 | | 2 | |
| 4 | | | 2 | | | | | |
| | 8 | 5 | | | 2 | | 7 | |
| | 3 | 4 | 5 | | | | | |
| | 1 | | 7 | | | | | |
| 3 | 4 | | 9 | 1 | 5 | | 8 | 7 |
| | | 8 | 4 | | | 9 | | 3 |
| 1 | | | 6 | | | | 5 | |

Nate: Why was school easier for cave people?
Kate: Why?
Nate: Because there was no history to study!

Jacob: Why was the teacher wearing sunglasses to school?
Leonard: Why?
Jacob: She had bright students!

Joe: What's the king of all school supplies?
Moe: I don't know. What?
Joe: The ruler.

Teacher: Donald, what is the chemical formula for water?
Donald: H-I-J-K-L-M-N-O.
Teacher: What are you talking about?
Donald: Yesterday you said it was H to O.

Teacher: Why can't you work in an orange juice factory?
Student: I don't know. Why?
Teacher: Because you can't concentrate!

Johnny: Teacher, would you punish me for something I didn't do?
Teacher: Of course not.
Johnny: Good, because I didn't do my homework.

## BACK TO SCHOOL



# The impact of COVID-19 on Children's Rights

**Suzanne Garcia Imbernon**
Task Manager
Office of
the Commissioner for Children

A year and a half has passed since the COVID-19 pandemic struck. We are all tired of dealing with issues brought on by the pandemic. We must not forget that even though the pandemic did not have harsh direct repercussions on children's physical health, children have been impacted in many ways and so have their rights.

Children were forced to adapt to the changes that were taking place and to adhere to different policies which were also changing constantly. Children have faced the closure of schools twice. They have been forced to shift most of their activities online, including extra-curricular activities such as sports, dance and music lessons. Social interactions which have also been limited was hard for them.

The Office of the Commissioner for Children has spoken with children so as to listen and understand the impact of the pandemic directly from their point of view. Most of their rights were in fact impacted in some way or another. Even though they understand that the right to health was paramount during this time and that certain measures had to be taken to ensure their right to health, there were still things that could have been addressed more adequately.

Whilst children felt that the authorities have made great efforts to ensure their wellbeing and to learn from when the pandemic first forced schools to close, they still feel that greater efforts need to be made to ensure that ALL children are able to access education and to have access to digital tools and skills so that their right to a good quality education can be guaranteed. Children with special educational needs were the most to suffer.

Children have made it very clear that they require support from their families/guardians as well as from educators, counsellors and youth workers to deal with mental health issues. Many children have felt isolated, have witnessed increased tension within the home, have feared not being able to catch up with the missed school work and have spent excessive amounts of time in front of their screens.

Now that that children will be going back to school soon we all have a responsibility to support children to recuperate what they have lost during the pandemic in terms of physical, educational and social needs. Children's right to be involved in decisions that concern them should also be guaranteed!





# Peter's Kitchen

**Peter Miceli Saydon**
Prinċipal

# Honey glazed Salmon

This is a quick and easy method of cooking a healthy delicious meal.

Melt butter in a saucepan, add chopped garlic and one or two tablespoons of honey.

Place a little of this sauce in your dish just to coat the bottom. Put the salmon fillets on top of the sauce. Cover the fillets with more sauce.

Reserve some 2 to 3 tablespoons of the sauce.

Bake in a moderate oven for 20 to 30 minutes, covering the dish with foil or cartaforno. Midway through the cooking, remove foil or cartaforno, top the fillets with the remaining sauce and keep cooking for the remaining minutes.

Serve with spinach and boiled potatoes.

**Ingredients:**

- salmon fillets
- butter
- honey
- garlic

# Il-Viżjoni soċjali għal Malta 2035

Intervista
mas-Sa Denise Fiorentino
Direttur Ġenerali
Diviżjoni tar-Riċerka,
Politika u Operat

**Tonio Bonello**

Editur FAMILJA

Reċentament ittieħdet l-inizjattiva biex jibdew l-ewwel diskussjonijiet dwar Viżjoni Soċjali għal Malta 2035 - Insawru l-Futur tas-Soċjetà Tagħna. X'kien l-iskop ta' din l-ewwel fażi ta' pre-konsultazzjoni?

L-Aġenda Soċjali ta' dan il-Gvern minn dejjem kienet waħda msejsa fuq il-bżonnijiet tan-nies. Din hija policy li timmira għat-titjib fil-kwalità tal-ħajja, speċjalment għal dawk l-iżjed vulnerabbli.

Permezz tal-konsultazzjonijiet varji li saru fuq medda ta' ħamest'ijiem, bl-isem ta' 'Viżjoni Soċjali għal Malta 2035 - Insawru l-Futur tas-Soċjetà Tagħna', tnehdiet l-ewwel fażi ta' din l-inizjattiva, sabiex tissawwar Viżjoni għas-Settur Soċjali għal konsultazzjoni pubblika.

L-oqsma identifikati kienu; il-Familja, iż-Żgħażagħ, l-Anzjani, Persuni f'povertà u esklużi mis-soċjetà, il-Persuni b'Diżabilità, Persuni bi problemi ta' dipendenzi varji, persuni LGBTIQ u persuni għaddejjin minn esperjenzi ta' vjolenza. Dawn ilkoll qed jiġu indirizzati f'din il-viżjoni.

Irrid ngħid li waqt li l-Viżjoni Soċjali għal Malta 2035 se tkun qed tibni fuq strateġiji preċedenti, ser tkun ukoll qed tidentifika sitwazzjonijiet li żviluppaw matul il-medda taż-żmien. B'hekk, ser tkun ukoll qed tipprepara lill-pajjiż għas-soċjeta' tal-futur flimkien ma' sfidi li jistgħu jħallu impatt fuq in-nies fis-snin li ġejjin, u kif nistgħu nilqgħu għalihom.

Il-laqgħat ta' qabel il-konsultazzjoni enfasizzaw kif is-servizzi soċjali għandhom ikunu ddisinjati biex jindirizzaw aħjar il-bżonnijiet tan-nies.




Il-viżjoni ser tkun ibbażata fuq il-prinċipji tas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali. Għaldaqstant, ser tkun qiegħda tagħti direzzjoni sabiex tiddentifika fejn irridu nkunu fl-2035 fid-diversi oqsma kruċjali f'dan is-settur. Din il-vizjoni ser tkun qed tgħin ukoll fl-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni biex b'hekk ikunu aktar strutturati u kkordinati bl-għan li jindirizzaw il-bżonnijiet diversi tas-socjetà.

Kienu diversi l-oqsma li ġew diskussi bħala parti mill-iżvilupp ta' din il-viżjoni. Tista' tellabora aktar dwar dan u minn liema perspettiva se jkunu qed jiġu indirizzati tali temi?

Kien indikat wkoll il-bżonn ta' iktar investiment fit-taħriġ tal-ħaddiema involuti fis-servizzi li jipprovdi l-Gvern.

Minkejja li dawn il-gżejjer għandhom storja onorabbli ta' introduzzjoni ta' benefiċċji u inizjattivi soċjali li tmur lura bosta deċenji, sal-lum xorta għadek issib laguni fejn persuni u saħansitra familji, għal raġunijiet varji qed jibqgħu lura mill-progress komuni ta' dan in-nazzjon. X'qed iwassal għal dan?

Dan huwa wieħed mill-punti li tqajjem waqt il-laqgħa ta' pre-konsultazzjoni dwar il-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali. Hemm indikazzjonijiet li juru li filwaqt li l-Gvern huwa ta' sostenn lis-soċjetà Maltija b'diversi inizjattivi ta'

assistenza soċjali u benefiċċji, xorta għad hemm numru ta' każijiet sostanzjali li għal raġunijiet varji jibqgħu fir-riskju tal-faqar. Bla dubju, dan hu punt li jirrikjedi aktar studji

fid-dettal sabiex nindirizzaw din l-isfida.

Wara dawn il-laqgħat ta' pre-konsultazzjoni, x'inhuma l-passi li jmiss, u l-pubbliku se jkun b'xi mod mistieden biex jipparteċipa f'din il-konsultazzjoni li tolqot lil kulħadd?

L-isforzi biex nagħrfu u nindirizzaw aħjar l-isfidi li s-soċjetà fil-Gżejjer Maltin se tiffaċċja fil-futur ma jistgħux ikunu possibbli u komprensivi mingħajr konsultazzjoni estensiva f'livelli differenti. Dawn il-laqgħat kienu sempliċiment il-bidu ta' proċess ta' konsultazzjoni li ser jgħinna niżviluppaw abbozz, anke għal konsultazzjoni pubblika. Fil-fażijiet li jmiss għalhekk ser inkunu wkoll qegħdin nikkonsultaw mal-pubbliku għax nemmnu li l-ebda abbozz ta' din il-viżjoni ma tista' tiġi msawra jekk ma nikkonsultawx direttament ma' kull min jista' jagħti l-kontribut tiegħu.






**Click here to receive FAMILJA by email**

**Agħfas hawn biex tirċievi FAMILJA bl-imejl**

# ARGENTINA The Land of Silver

**Marvic Cordina**
Boutique Travel Specialist
www.traville.net

Nothing makes you feel alive like a full immersion in this country of complex intensities. From the sophisticated but exuberant Buenos Aires, the majestic grandeur of Iguazu Falls, the vast expanse of Patagonia, to the rugged appeal of the gaucho culture, Argentina is a fiery charmer.

City Life

Arriving in Buenos Aires feels like boarding a moving train. The modern metropolis whizzes by, bustling with activity from lively sidewalk cafes to quiet parks blanketed in purple jacaranda blossoms in the springtime.

Buenos Aires' stylish *porteños* (locals) enjoy public life, whether it is enjoying a *mate* in the park on a Sunday or eating gelato beneath the city's gorgeous early-20th-century stone façades. There are numerous bookstores, art galleries, and gourmet restaurants to choose from.



Apart from Buenos Aires, Córdoba, Salta, Mendoza, and Bariloche all have their own distinct characteristics and spectacular attractions, so do not miss them.

Natural Wonders

Argentina is home to a massive natural paradise, ranging from the mighty Iguazu Falls in the subtropical north to the thundering, crackling advance of the Perito Moreno Glacier in the south. By far a large part of it is diversity. Rich marshes, rust-hued desert, deep-blue lakes, lichen-clad woods, and Patagonia's barren steppes can all be found in the region that boasts the Andes' highest snow-covered summits.

From penguins and flamingos to capybaras, giant anteaters, whales, guanaco herds, and more, the wildlife is diverse. Stunning landscapes abound in this enormous area, and a big adventure awaits.

Argentine Culture

There are numerous cultural activities available in this region. Tango is arguably Argentina's greatest contribution to the rest of the globe. 'Making love in the vertical position,' as the passionate dance has been dubbed. What about soccer? Argentines are very passionate about their sport, and if you are a fan, chanting and stomping among other stadium fans should be on your itinerary.

With a distinct Argentine take on literature, cinema, music, and the arts, you have a rich, edgy culture that is utterly unique - part Latin American, part European.

Food and Drink

In the land that has perfected the art of grilling, satisfying that carnal yearning for flame-charred steak is simple. There are plenty of *parrillas* (grill houses) providing practically any cut of meat you can think of, as well as sausages and grilled vegetables. Because of Argentina's great Italian background, thin, bubbly pizzas and handmade pasta also play a key role.

There is more to it, though. Trends in Buenos Aires are exciting and ever-changing, bringing gourmet world cuisine to posh restaurants and squalid cobblestone districts. Take a seat at a table, pop open a bottle of Malbec, and enjoy the evening.

Visiting Argentina is an action-packed journey of discovery. It is one potent concoction of wanderlust!